

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Frar 2012

li temenda d-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/186/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 3(4) tagħha,

Billi:

- (1) Fil-produzzjoni tal-istatistika Ewropea għandu jkun hemm bilanċ bejn il-ħtiġijiet tal-utenti u l-piż fuq dawk li jwieġbu.
- (2) Twettqet analiżi teknika flivell Ewropew tad-dejta eżistenti miġbura skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar kif ukoll tal-politika ta' disseminazzjoni biex tippromovi soluzzjonijiet tekniċi possibbli għas-simplifikazzjoni, kemm jista' jkun, tal-attivitajiet diversi meħtieġa għall-produzzjoni tal-istatistika, filwaqt li l-eżitu finali jinżamm konformi mal-ħtiġijiet preżenti u prevedibbli tal-utent.
- (3) Bħala riżultat ta' din l-analiżi, id-"direzzjoni" varjabbli fl-istatistika eżistenti ta' kull tliet xhur dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-portijiet Ewropej ewlenin għandha tiġi ssimplifikata, filwaqt li l-istatut legali (obbligatorju kontra volontarju) tal-ġabriet ta' dejta korrispondenti F1 u F2 għandu jiġi ċċarat.

(4) Barra minn hekk, għandu jiġi stabbilit qafas legali armonizzat għal ġabra volontarja tal-istatistika dwar il-kontejners Ro-Ro. Aktar minn hekk, it-tip ta' klassifikazzjoni tal-merkanzija għandu jiġi estiż.

(5) In-nomenklatura dwar iż-żoni marittimi tal-kosta għandha tiġi adattata għall-iżviluppi tekniċi.

(6) Għalhekk, id-Direttiva 2009/42/KE għandha tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I, II, IV u VIII tad-Direttiva 2009/42/KE huma sostitwiti bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f-Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-ewwel sena ta' referenza għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandha tkun l-2012, li tkopri d-dejta tal-2012.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 141, 6.6.2009, p. 29.

ANNEX

“ANNEX I

FATTURI VARJABBLI U DEFINIZZJONIJIET

1. Varjabbli statistiċi

(a) Informazzjoni dwar il-merkanzija u l-passiġġieri

- Piż gross tal-merkanzija f'tunnellati,
- tip ta' merkanzija, skont in-nomenklatura murija fl-Anness II,
- deskrizzjoni tal-merkanzija, bl-użu tan-nomenklatura murija fl-Anness III,
- il-port tar-rappurtaġġ,
- direzzjoni tal-moviment, jekk hux 'il ġewwa jew 'il barra,
- kontroparti għall-merkanzija dieħla 'l ġewwa: il-port tat-tagħbija (jiġifieri l-port li fih il-merkanzija ġiet mgħob-bija fuq il-vapur li fih waslet fil-port tar-rappurtaġġ) bl-użu ta' portijiet individwali fil-pajjiżi taż-Żona Ekono-mika Ewropea (ŻEE) murija fil-lista tal-portijiet, u fiż-żoni kostali marittimi barra mill-pajjiżi taż-ŻEE, murija fl-Anness IV,
- kontroparti għall-merkanzija ħierġa 'l barra: il-port tal-ħatt (jiġifieri l-port li fih il-merkanzija għandha tinħatt mill-vapur li fih telqet mill-port tar-rappurtaġġ) bl-użu ta' portijiet individwali fil-pajjiżi taż-ŻEE murija fil-lista tal-portijiet, u fiż-żoni kostali marittimi barra mill-pajjiżi taż-ŻEE, murija fl-Anness IV,
- numru ta' passiġġieri li jibdwew jew jispiċċaw vjaġġ, kif ukoll in-numru ta' passiġġieri tal-kruċiera f'eskursjoni tal-passiġġieri tal-kruċiera,
- kontroparti għall-passiġġieri deklin 'il ġewwa: il-port tal-imbarkazzjoni (jiġifieri l-port li fih il-passiġġier tela' fuq il-vapur li fih wasal/waslet fil-port tar-rappurtaġġ) bl-użu ta' portijiet individwali fil-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) murija fil-lista tal-portijiet, u fiż-żoni kostali marittimi barra mill-pajjiżi taż-ŻEE, murija fl-Anness IV,
- kontroparti għall-passiġġieri ħerġin 'il barra: il-port tal-iżbark (jiġifieri l-port li fih il-passiġġier għandu jinżel mill-vapur li fih telaq/telqet mill-port tar-rappurtaġġ) bl-użu ta' portijiet individwali fil-pajjiżi taż-ŻEE murija fil-lista tal-portijiet, u fiż-żoni kostali marittimi barra mill-pajjiżi taż-ŻEE, murija fl-Anness IV.

Għall-merkanzija li tinġarr f'kontejners jew unitajiet Ro-Ro, għandhom jiġu pprovduti dawn id-dettalji addizzjonali:

- numru totali ta' kontejners (bil-merkanzija u mingħajrha),
- numru ta' kontejners mingħajr merkanzija,
- numru totali ta' unitajiet mobbli (Ro-Ro) bil-merkanzija u mingħajrha,
- numru totali ta' unitajiet mobbli (Ro-Ro) mingħajr merkanzija.

(b) Informazzjoni dwar il-bastiment

- numru ta' bastimenti,
- piż li jifilħu jgħorru l-bastimenti jew tunnellaġġ gross,
- pajjiż jew territorju tar-reġistrazzjoni tal-bastimenti, bl-użu tan-nomenklatura murija fl-Anness V,
- tip ta' bastimenti, bl-użu tan-nomenklatura murija fl-Anness VI,
- daqs tal-bastimenti, bl-użu tan-nomenklatura murija fl-Anness VII.

2. Definizzjonijiet

(a) “Kontenitur tal-merkanzija” tfisser oġġett ta' tagħmir tat-trasport:

1. ta' natura permanenti u, għalhekk, b'saħħtu biżżejjed sabiex ikun tajjeb għal użu repetittiv;
2. maħsub speċjalment sabiex jiffaċilita t-trasport tal-merkanzija b'mod wieħed jew aktar ta' trasport, mingħajr tagħbija mill-ġdid intermedjarja;
3. mġammar b'apparat li jippermetti li jiġi mmaniġġjat faċilment, b'mod partikolari t-trasferiment tiegħu minn mod wieħed ta' trasport għal ieħor;
4. hekk maħsub sabiex ikun faċli biex jimtela u biex jiġi żvujtat;
5. ta' tul ta' 20 pied jew aktar;

- (b) "Unità Ro-Ro" tfisser tagħmir bir-roti għat-trasport ta' merkanzija, bħalma huwa trakk, trejler jew semitrejler, li jista' jnsaq jew jiġi rmunkat fuq bastiment. F'din id-definizzjoni huma inklużi t-trejlers tal-port jew tal-vapuri. Il-klassifikazzjonijiet għandhom isegwu r-Rakkomandazzjoni ECE Nru 21 tan-Nazzjonijiet Uniti "Kodiċi għat-tipi ta' merkanzija, pakketti u materjali tal-imballaġġ";
- (c) "Kontejners tal-merkanzija" tfisser kontejners bil-merkanzija jew mingħajrha li jintrefgħu fuq jew mill-bastimenti li jittrasportawhom bil-baħar;
- (d) "Merkanzija Ro-Ro" tfisser merkanzija, kemm jekk fil-kontejners u kemm jekk le, fuq unitajiet Ro-Ro, u unitajiet Ro-Ro li huma rrumblati fuq jew mill-bastimenti li jgħorruhom bil-baħar;
- (e) "Il-piż gross tal-merkanzija" tfisser it-tunnellaġġ ta' merkanzija ttrasportata, inkluż l-imballaġġ imma eskluż il-piż waħdu tal-kontejners jew tal-unitajiet Ro-Ro;
- (f) "Il-Piż li jifilħu jgħorru l-bastimenti (Deadweight — DWT)" tfisser id-differenza f'tunnellati bejn l-ispostar ta' vapur fuq il-linja tat-tagħbija tas-sajf fl-ilma b'gravità speċifika ta' 1,025 u l-piż totali tal-vapur, jiġifieri l-ispostar f'tunnellati ta' vapur mingħajr merkanzija, fjuwil, żejt ta' lubrifikazzjoni, ilma sabbor, ilma frisk u ilma tax-xorb fit-tankijiet, provvisti li jintużaw kif ukoll passiġġieri, ekwipaġġ u l-ħwejjeġ tagħhom;
- (g) "Tunnellaġġ gross" tfisser id-daqs globali ta' vapur determinat skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1969 dwar il-Kejl tat-Tunnellaġġ tal-Vapuri;
- (h) "Passiġġier tal-kruċiera" tfisser passiġġier bil-baħar li jagħmel vjaġġ bil-baħar fuq bastiment tal-kruċiera. Il-passiġġieri f'eskursjonijiet ta' jum huma esklużi;
- (i) "Vapur tal-kruċieri" tfisser vapur tal-passiġġieri maħsub biex jipprovdi lill-passiġġieri b'esperjenza turistika sħiħa. Il-passiġġieri kollha jkollhom kabina. Il-faċilitajiet għad-divertiment abbord huma inklużi. Il-vapuri li jipprovdu servizzi ta' laneċ normali huma esklużi, ukoll jekk xi passiġġieri jikkunsidraw is-servizz bħala kruċiera. Barra minn hekk, il-bastimenti li jgħorru l-merkanzija li jistgħu jgħorru numru limitat ħafna ta' passiġġieri bil-kabini tagħhom stess huma esklużi wkoll. Il-bastimenti maħsuba unikament għall-eskursjonijiet ta' jum huma wkoll esklużi;
- (j) "Eskursjoni tal-passiġġieri tal-kruċiera" tfisser żjara qasira minn passiġġier fuq kroċiera lejn attrazzjoni turistika assoċjata ma' port filwaqt li jżomm kabina abbord;
- (k) "Kontejners tal-merkanzija Ro-Ro" tfisser kontejners bil-merkanzija mgħobbija fuq unitajiet Ro-Ro jew mingħajr merkanzija li jiġu rrumblati fuq il-bastimenti li jgħorruhom bil-baħar u jinħarġu minnhom b'dan il-mod ukoll;
- (l) "Trejlers ta' fuq il-bastimenti li jintużaw minn port għall-ieħor" tfisser trejler maħsub biex iġorr l-merkanzija (inklużi l-kontejners) bejn żewġ portijiet fuq bastimenti Ro-Ro. Huwa maħsub l-aktar biex jaħdem fuq bastimenti Ro-Ro jew f'żoni fuq l-art li huma taħt il-kontroll tal-awtorità tal-port;
- (m) "Bastiment Ro-Ro" tfisser bastiment maħsub biex iġorr l-unitajiet Ro-Ro.

ANNEX II

Tip ta' klassifikazzjoni tal-merkanzija

Kategorija ⁽¹⁾	Kodiċi Ċifra waħda	Kodiċi Żewġ ċifri	Deskrizzjoni	Tunnellaġġ	Numru ta' unitaji et
Volum likwidu	1	1X	Merkanzija likwida bl-ingross (bla unità ta' merkanzija)	X	
		11	Gass likwifikat	X	
		12	Żejt mhux raffinat	X	
		13	Prodotti taż-żejt	X	
		19	Merkanzija likwida oħra bl-ingross	X	
Volum niexef	2	2X	Merkanzija niexfa bl-ingross (bla unità ta' merkanzija)	X	
		21	Minerali	X	
		22	Faħam	X	
		23	Prodotti agrikoli (eż qamħ, soja, tapjoka)	X	
		29	Merkanzija niexfa oħra bl-ingross	X	
Kontejners	3	3X	Kontejners kbar	X ⁽²⁾	X
		31	Unitajiet ta' tagħbija ta' 20 pied	X ⁽²⁾	X

Kategorija ⁽¹⁾	Kodiċi Ċifra waħda	Kodiċi Żewġ ċifri	Deskrizzjoni	Tunnellaġġ	Numru ta' unitaji et
Irrumblati 'l fuq irrumbati 'l isfel (jaħdmu waħedhom)	5	32	Unitajiet ta' tagħbija ta' 40 pied	X ⁽²⁾	X
		33	Unitajiet ta' tagħbija > 20 pied u < 40 pied	X ⁽²⁾	X
		34	Unitajiet ta' tagħbija > 40 pied	X ⁽²⁾	X
		5X	Unitajiet mobbli li jaħdmu waħedhom	X	X
		51	Vetturi tal-merkanzija tat-triq u t-trejlers li jiġu magħhom	X ⁽²⁾	X
		52	Karozzi għall-passiġġieri, muturi u l-karrijiet/il-karavannijiet li jiġu magħhom		X ⁽³⁾
		53	Xarabanks għall-passiġġieri		X ⁽³⁾
		54	Vetturi tal-kummerċ (inklużi vetturi bil-mutur għall-importazzjoni u l-esportazzjoni)	X	X ⁽³⁾
Irrumblati 'l fuq irrumbati 'l isfel (mhux li jaħdmu waħedhom)	6	56	Bhejjem ħajjin fuq saqajhom	X	X ⁽³⁾
		59	Unitajiet mobbli oħrajn li jaħdmu waħedhom	X	X
		6X	Unitajiet mobbli li ma jaħdmux waħedhom	X	X
		61	Trejlers u semitrejlers tat-triq tal-merkanzija waħdehom semi-trailers	X ⁽²⁾	X
		62	Karavannijiet u vetturi oħra tat-triq, agrikoli u industrijali waħedhom	X	X ⁽³⁾
		64	Vaguni tal-ferrovija għat-trasport tal-merkanzija transport	X ⁽²⁾	X
		65	Trejlers ta' fuq il-bastimenti li jintużaw minn port għall-ieħor għat-trasport tal-merkanzija transport	X ⁽²⁾	X
		66	Barkuni ta' fuq il-bastimenti għat-trasport tal-merkanzija transport	X ⁽²⁾	X
Merkanzija ġenerali oħra (inklużi l-kontejners żgħar)	9	69	Unitajiet mobbli oħrajn li ma jaħdmux waħedhom	X	X
		9X	Merkanzija oħra, mhux speċifikata mkien ieħor	X	
		91	Prodotti tal-forestrija	X	
		92	Prodotti tal-ħadid u tal-azzar	X	
		99	Merkanzija ġenerali oħra	X	

Żieda għat-tip ta' klassifikazzjoni tal-merkanzija għall-kontejners ro-ro

Kategorija ⁽¹⁾	Kodiċi Ċifra waħda	Kodiċi Żewġ ċifri	Deskrizzjoni	Tunnellaġġ	Numru ta' unitaji et
Kontejners Ro-Ro kbar	R	RX	Kontejners Ro-Ro kbar		X
		R1	Unitajiet ta' tagħbija ta' 20 pied		X
		R2	Unitajiet ta' tagħbija ta' 40 pied		X
		R3	Unitajiet ta' tagħbija > 20 pied u < 40 pied		X
		R4	Unitajiet ta' tagħbija > 40 pied		X

⁽¹⁾ Dawn il-kategoriji huma konsistenti mar-Rakkomandazzjonijiet EKE Nru 21 tan-Nazzjonijiet Uniti.

⁽²⁾ Il-kwantità rreġistrata hija l-piż gross tal-merkanzija inkluż l-imballaġġ iżda eskluż il-piż waħdu tal-kontejners u tal-unitajiet Ro-Ro.

⁽³⁾ In-numru totali tal-unitajiet biss.

ANNEX IV

IŻ-ŻONI KOSTALI MARITTIMI

In-nomenklatura li għandha tintuża hija l-Ġeonomenklatura (in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Komunità u l-istatistika tal-kummerċ bejn l-Istati Membri) ⁽¹⁾ fis-seħħ fis-sena li għaliha tirreferi d-dejta.

Il-kodiċi jikkonsisti f'erba' ċifri: il-kodiċi standard ISO alpha 2 għal kull pajjiż min-nomenklatura msemmija fuq, segwit minn żewġ żerojiet (eż. kodiċi GR00 għall-Greċja), għajr il-pajjiżi li huma maqsuma f'żewġ żoni kostali marittimi jew aktar, li huma identifikati mir-raba' ċifra għajr iż-zero (minn 1 sa 7), bħal hawn isfel:

<i>Kodiċi</i>	<i>Żoni kostali marittimi</i>
FR01	Franza: l-Atlantiku u l-Baħar tat-Tramuntana
FR02	Franza: il-Mediterran
FR03	Dipartimenti Franċiżi ta' barra l-pajjiż: il-Gujana Franċiża
FR04	Dipartimenti Franċiżi ta' barra l-pajjiż: Martinique u Gaudeloupe
FR05	Dipartimenti Franċiżi ta' barra l-pajjiż: Réunion
DE01	il-Ġermanja: il-Baħar tat-Tramuntana
DE02	il-Ġermanja: il-Baltiku
DE03	il-Ġermanja: il-baħar intern
GB01	Ir-Renju Unit
GB02	l-Isle of Man
GB03	iċ-Channel Islands
ES01	Spanja: l-Atlantiku (it-Tramuntana)
ES02	Spanja: il-Mediterran u l-Atlantiku (in-Nofsinhar) inklużi l-Gżejjer Baleariċi u l-Gżejjer Kanarji
SE01	l-Isvezja: il-Baltiku
SE02	l-Isvezja: il-Baħar tat-Tramuntana
TR01	it-Turkija: il-Baħar l-Iswed
TR02	it-Turkija: il-Mediterran
RU01	ir-Russja: il-Baħar l-Iswed
RU03	ir-Russja: l-Asja
RU04	ir-Russja: il-Baħar ta' Barents u l-Baħar l-Abjad
RU05	ir-Russja: il-Baltiku, il-Golf tal-Finlandja biss
RU06	ir-Russja: il-Baltiku, eskluż il-Golf tal-Finlandja
RU07	ir-Russja: il-kanali interni Ewropej, inkluż il-Baħar Kaspju
MA01	il-Marokk: il-Mediterran
MA02	il-Marokk: l-Afrika tal-Punent
EG01	l-Eġittu: il-Mediterran
EG02	l-Eġittu: il-Baħar l-Aħmar
IL01	l-Iżrael: il-Mediterran
IL02	l-Iżrael: il-Baħar l-Aħmar

<i>Kodiċi</i>	<i>Żoni kostali marittimi</i>
SA01	l-Arabja Sawdita: il-Baħar l-Aħmar
SA02	l-Arabja Sawdita: il-Golf
US01	L-Istati Uniti tal-Amerika: l-Atlantiku (it-Tramuntana)
US02	L-Istati Uniti tal-Amerika: l-Atlantiku (in-Nofsinhar)
US03	L-Istati Uniti tal-Amerika: il-Golf
US04	L-Istati Uniti tal-Amerika: il-Paċifiku (in-Nofsinhar)
US05	L-Istati Uniti tal-Amerika: il-Paċifiku (it-Tramuntana)
US06	L-Istati Uniti tal-Amerika: Great Lakes
US07	Puerto Rico
CA01	il-Kanada: l-Atlantiku
CA02	il-Kanada: Great Lakes u Upper Saint Lawrence
CA03	il-Kanada: il-Kosta tal-Punent
CO01	il-Kolombja: il-Kosta tat-Tramuntana
CO02	il-Kolombja: il-Kosta tal-Punent
MX01	il-Messiku: l-Atlantiku
MX02	il-Messiku: il-Paċifiku
<i>Bil-kodiċijiet addizzjonali</i>	
ZZ01	Installazzjonijiet barra mix-xtut li mhuma speċifikati mkien ieħor
ZZ02	Aggregati u postijiet li mhuma speċifikati mkien ieħor

(¹) Il-verżjoni attwalment fis-seħħ hija stilupata fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar in-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Komunità u l-istatistika tal-kummerċ bejn l-Istati Membri, ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19.

ANNEX VIII

STRUTTURA GĦAL ĠABRIET TA' DEJTA STATISTIKA

Il-ġabriet ta' dejta speċifikati f'dan l-Anness jiddefinixxu l-frekwenza għall-istatistika tat-trasport marittimu meħtieġa mill-Komunità. Kull ġabra ta' dejta tiddefinixxi kontrokklassifikazzjoni ta' sett limitat ta' qisien fuq livelli differenti tan-nomenklaturi, aggregati tul il-qisien l-oħrajn kollha, li għalihom tkun meħtieġa statistika ta' kwalità tajba.

STATISTIKA FIL-QOSOR U DDETTALJATA

- Il-ġabriet ta' dejta li għandhom jiġu pprovduti għal portijiet magħżula għall-merkanzija u l-passiġġieri huma A1, A2, A3, B1, C1, C2, D1, E1, F1 u F2.
- Il-ġabriet ta' dejta li għandhom jiġu pprovduti għal portijiet magħżula għall-merkanzija iżda mhux għall-passiġġieri huma A1, A2, A3, B1, C1, C2, E1, F1 u F2.
- Il-ġabriet ta' dejta li għandhom jiġu pprovduti għal portijiet magħżula għall-passiġġieri iżda mhux għall-merkanzija huma A3, D1, F1 u F2.
- Il-ġabra ta' dejta li għandha tiġi pprovduta għal portijiet mhux magħżula (għall-merkanzija jew għall-passiġġieri) hija A3.

STATUS LEGALI TAL-ĠABRIET TA' DEJTA

- Il-ġabriet ta' dejta A1, A2, A3, B1, C1, D1, E1 u F2 huma obbligatorji.
- Il-ġabriet ta' dejta C2 u F1 huma volontarji.

Ġabra ta' dejta A1: Trasport bil-baħar fil-portijiet Ewropej ewlenin, skont il-port, it-tip ta' merkanzija u l-kontroparti
Frekwenza tat-trażmissjoni tad-dejta: kull tliet xhur

	Fatturi varjabbli	Dettall tal-kodifika	Nomenklatura
Qisien	Ġabra ta' dejta	Żewġ karattri alfanumeriċi	A1
	Sena ta' referenza	Erba' karattri alfanumeriċi	(eż. 1997)
	Tliet xhur ta' referenza	Karattru wieħed alfanumeriku	(1, 2, 3, 4)
	Il-port tar-rappurtaġġ	Ħames karattri alfanumeriċi	Portijiet taż-ŻEE magħżula mil-lista ta' portijiet
	Direzzjoni	Karattru wieħed alfanumeriku	'il ġewwa, 'il barra (1, 2)
	Port ta' tagħbija/ħatt	Ħames karattri alfanumeriċi	Portijiet taż-ŻEE fil-lista tal-portijiet
	Żona kostali marittima	Erba' karattri alfanumeriċi	Żoni kostali marittimi, l-Anness IV
	Tip ta' merkanzija	Karattru wieħed alfanumeriku	Tip ta' merkanzija, l-Anness II

Dejta: Il-piż gross tal-merkanzija f'tunnellati.

Ġabra ta' dejta A2: Trasport bil-baħar b'tagħbija bla unitajiet fil-portijiet Ewropej ewlenin skont il-port, it-tip ta' merkanzija u l-kontroparti

Frekwenza tat-trażmissjoni tad-dejta: kull tliet xhur

	Fatturi varjabbli	Dettall tal-kodifika	Nomenklatura
Qisien	Ġabra ta' dejta	Żewġ karattri alfanumeriċi	A2
	Sena ta' referenza	Erba' karattri alfanumeriċi	(eż. 1997)
	Tliet xhur ta' referenza	Karattru wieħed alfanumeriku	(1, 2, 3, 4)
	Il-port tar-rappurtaġġ	Ħames karattri alfanumeriċi	Portijiet taż-ŻEE magħżula mil-lista ta' portijiet
	Direzzjoni	Karattru wieħed alfanumeriku	'il ġewwa, 'il barra (1, 2)
	Port ta' tagħbija/ħatt	Ħames karattri alfanumeriċi	Portijiet taż-ŻEE fil-lista tal-portijiet
	Żona kostali marittima	Erba' karattri alfanumeriċi	Żoni kostali marittimi, l-Anness IV
	Tip ta' merkanzija	Żewġ karattri alfanumeriċi	Tip ta' merkanzija (tagħbija bla unitajiet biss), l-Anness II (is-subkategoriji 1X, 11, 12, 13, 19, 2X, 21, 22, 23, 29, 9X, 91, 92 u 99)

Dejta: Il-piż gross tal-merkanzija f'tunnellati.

Ġabra ta' dejta A3: Dejta meħtieġa kemm għal portijiet magħżula kif ukoll għal dawk li għalihom mhijiex meħtieġa statistika dettaljata (ara l-Artikolu 4(3))

Frekwenza tat-trażmissjoni tad-dejta: annwali

	Fatturi varjabbli	Detall tal-kodifika	Nomenklatura
Qisien	Ġabra ta' dejta Sena ta' referenza Tliet xhur ta' referenza Il-port tar-rappurtaġġ Direzzjoni	Żewġ karattri alfanumeriċi Erba' karattri alfanumeriċi Karattru wieħed alfanumeriku Ħames karattri alfanumeriċi Karattru wieħed alfanumeriku	A3 (eż. 1997) (0) Il-portijiet kollha fil-lista tal-portijiet 'il ġewwa, 'il barra (1, 2)

Dejta: Il-piż gross tal-merkanzija f'tunnellati.

Numru ta' passiġġieri (ħlief passiġġieri tal-kruċiera).

Numru ta' passiġġieri tal-kruċiera li jibdwu u jtemmu kruċiera.

Numru ta' passiġġieri tal-kruċiera f'eskursjoni tal-passiġġieri tal-kruċiera: direzzjoni: 'il ġewwa (1) biss — (mhux obbligatorju).

Ġabra ta' dejta B1: Trasport bil-baħar fil-portijiet Ewropej ewlenin skont il-port, it-tip ta' merkanzija, l-oġġetti u l-kontroparti

Frekwenza tat-trażmissjoni tad-dejta: annwali

	Fatturi varjabbli	Detall tal-kodifika	Nomenklatura
Qisien	Ġabra ta' dejta Sena ta' referenza Tliet xhur ta' referenza Il-port tar-rappurtaġġ Direzzjoni Port ta' tagħbija/ħatt Żona kostali marittima Tip ta' merkanzija Komodità	Żewġ karattri alfanumeriċi Erba' karattri alfanumeriċi Karattru wieħed alfanumeriku Ħames karattri alfanumeriċi Karattru wieħed alfanumeriku Ħames karattri alfanumeriċi Erba' karattri alfanumeriċi Karattru wieħed alfanumeriku Żewġ karattri alfanumeriċi	B1 (eż. 1997) (0) Portijiet taż-ŻEE magħżula mil-lista ta' portijiet 'il ġewwa, 'il barra (1, 2) Portijiet taż-ŻEE fil-lista tal-portijiet Żoni kostali marittimi, l-Anness IV Tip ta' merkanzija, l-Anness II Nomenklatura tal-merkanzija, l-Anness III

Dejta: Il-piż gross tal-merkanzija f'tunnellati.

Ġabra ta' dejta C1: Trasport bil-baħar b'tagħbija b'unitajiet fil-portijiet Ewropej ewlenin skont il-port, it-tip ta' merkanzija, il-kontroparti u l-istat tat-tagħbija

Frekwenza tat-trażmissjoni tad-dejta: kull tliet xhur

	Fatturi varjabbli	Detall tal-kodifika	Nomenklatura
Qisien	Ġabra ta' dejta Sena ta' referenza Tliet xhur ta' referenza Il-port tar-rappurtaġġ Direzzjoni Port ta' tagħbija/ħatt Żona kostali marittima Tip ta' merkanzija	Żewġ karattri alfanumeriċi Erba' karattri alfanumeriċi Karattru wieħed alfanumeriku Ħames karattri alfanumeriċi Karattru wieħed alfanumeriku Ħames karattri alfanumeriċi Erba' karattri alfanumeriċi Żewġ karattri alfanumeriċi	C1 (eż. 1997) (1, 2, 3, 4) Portijiet taż-ŻEE magħżula mil-lista ta' portijiet 'il ġewwa, 'il barra (1, 2) Portijiet taż-ŻEE fil-lista tal-portijiet Żoni kostali marittimi, l-Anness IV Tip ta' merkanzija (kontejner, Ro-Ro biss), l-Anness II (is-subkategoriji 3X, 31, 32, 33, 34, 5X, 51, 52, 53, 54, 56, 59, 6X, 61, 62, 64, 65, 66 u 69)

Dejta: Il-piż gross tal-prodotti f'tunnellati (tip ta' merkanzija: is-subkategoriji 3X, 31, 32, 33, 34, 5X, 51, 54, 56, 59, 6X, 61, 62, 64, 65, 66 u 69).

Numru totali ta' unitajiet (tip ta' merkanzija: is-subkategoriji 3X, 31, 32, 33, 34, 5X, 51, 52, 53, 54, 56, 59, 6X, 61, 62, 64, 65, 66 u 69).

Numru ta' unitajiet mingħajr merkanzija (tip ta' merkanzija: is-subkategoriji 3X, 31, 32, 33, 34, 5X, 51, 59, 6X, 61, 64, 65, 66 u 69).

Ġabra ta' dejta C2: Trasport bil-baħar f'kontejner Ro-Ro fil-portijiet Ewropej ewlenin skont il-port, it-tip ta' merkanzija, il-kontroparti u l-istat tat-tagħbija

Frekwenza tat-trażmissjoni tad-dejta: annwali

	Fatturi varjabbli	Dettall tal-kodifika	Nomenklatura
Qisien	Ġabra ta' dejta Sena ta' referenza Tliet xhur ta' referenza Il-port tar-rappurtaġġ Direzzjoni Port ta' tagħbija/ħatt (mhux obligatorju) Żona kostali marittima (mhux obligatorju) Tip ta' merkanzija	Żewġ karattri alfanumeriċi Erba' karattri alfanumeriċi Karattru wieħed alfanumeriku Ħames karattri alfanumeriċi Karattru wieħed alfanumeriku Ħames karattri alfanumeriċi Erba' karattri alfanumeriċi Żewġ karattri alfanumeriċi	C2 (eż. 1997) (0) Portijiet taż-ŻEE magħżula mil-lista ta' portijiet 'il ġewwa, 'il barra (1, 2) Portijiet taż-ŻEE fil-lista tal-portijiet Żoni kostali marittimi, l-Anness IV Tip ta' merkanzija (kontejner Ro-Ro biss) l-Anness II (is-subkategoriji RX, R1, R2, R3, R4)

Dejta: Numru totali ta' unitajiet (tip ta' merkanzija: is-subkategoriji RX, R1, R2, R3, R4).

Numru ta' unitajiet mingħajr merkanzija (tip ta' merkanzija: is-subkategoriji RX, R1, R2, R3, R4) — (mhux obligatorju).

Ġabra ta' Dejta D1: Trasport tal-passiġġieri fil-portijiet Ewropej ewlenin, skont il-port, il-kontroparti u n-nazzjonalità tar-reġistrazzjoni tal-bastiment

Frekwenza tat-trażmissjoni tad-dejta: annwali

	Fatturi varjabbli	Dettall tal-kodifika	Nomenklatura
Qisien	Ġabra ta' dejta Sena ta' referenza Tliet xhur ta' referenza Il-port tar-rappurtaġġ Direzzjoni Port tal-imbarkazzjoni/żbark Żona kostali marittima Nazzjonalità tar-reġistrazzjoni tal-bastiment (mhux obligatorju)	Żewġ karattri alfanumeriċi Erba' karattri alfanumeriċi Karattru wieħed alfanumeriku Ħames karattri alfanumeriċi Karattru wieħed alfanumeriku Ħames karattri alfanumeriċi Erba' karattri alfanumeriċi Erba' karattri alfanumeriċi	D1 (eż. 1997) (1, 2, 3, 4) Portijiet taż-ŻEE magħżula mil-lista ta' portijiet 'il ġewwa, 'il barra (1, 2) Portijiet taż-ŻEE fil-lista tal-portijiet Żoni kostali marittimi, l-Anness IV Nazzjonalità tar-reġistrazzjoni tal-bastimenti, l-Anness V

Dejta: Numru ta' passiġġieri għajr passiġġieri tal-kruċiera li jibdwu u jtemmu kruċiera u passiġġieri tal-kruċiera f'eskursjoni.

Ġabra ta' dejta E1: Trasport bil-baħar fil-portijiet Ewropej ewlenin skont il-port, it-tip ta' merkanzija, il-kontroparti u n-nazzjonalità tar-reġistrazzjoni tal-bastimenti

Frekwenza tat-trażmissjoni tad-dejta: annwali

	Fatturi varjabbli	Dettall tal-kodifika	Nomenklatura
Qisien	Ġabra ta' dejta Sena ta' referenza Tliet xhur ta' referenza Il-port tar-rappurtaġġ Direzzjoni Port ta' tagħbija/ħatt Żona kostali marittima Tip ta' merkanzija Nazzjonalità tar-reġistrazzjoni tal-bastiment	Żewġ karattri alfanumeriċi Erba' karattri alfanumeriċi Karattru wieħed alfanumeriku Ħames karattri alfanumeriċi Karattru wieħed alfanumeriku Ħames karattri alfanumeriċi Erba' karattri alfanumeriċi Karattru wieħed alfanumeriku Erba' karattri alfanumeriċi	E1 (eż. 1997) (0) Portijiet taż-ŻEE magħżula mil-lista ta' portijiet 'il ġewwa, 'il barra (1, 2) Portijiet taż-ŻEE fil-lista tal-portijiet Żoni kostali marittimi, l-Anness IV Tip ta' merkanzija, l-Anness II Nazzjonalità tar-reġistrazzjoni tal-bastimenti, l-Anness V

Dejta: Il-piż gross tal-merkanzija f'tunnellati.

Ġabra ta' dejta F1: Traffiku tal-bastimenti fil-portijiet Ewropej ewlenin skont il-port, it-tip u d-daqs tal-bastiment li jgħabbi jew iħott il-merkanzija, li jtella' jew iniżżel passiġġieri (inklużi passiġġieri tal-kruċiera f'eskursjoni għall-passiġġieri tal-kruċiera)

Frekwenza tat-trażmissjoni tad-dejta: annwali

	Fatturi varjabbli	Dettall tal-kodifika	Nomenklatura
Qisien	Ġabra ta' dejta	Żewġ karattri alfanumeriċi	F1
	Sena ta' referenza	Erba' karattri alfanumeriċi	(eż. 1997)
	Tliet xhur ta' referenza	Karattru wieħed alfanumeriku	(1, 2, 3, 4)
	Il-port tar-rappurtaġġ	Ħames karattri alfanumeriċi	Portijiet taż-ŻEE magħżula mil-lista ta' portijiet
	Direzzjoni	Karattru wieħed alfanumeriku	'il ġewwa (1) biss
	Tip ta' bastiment:	Żewġ karattri alfanumeriċi	Tip ta' bastiment, l-Anness VI
	Daqs tal-bastiment DWT	Żewġ karattri alfanumeriċi	Klassijiet tad-daqs tal-piż li jifilħu jgħorru l-bastimenti l-Anness VII

Dejta: Numru ta' bastimenti.

Piż li jifilħu jgħorru l-bastimenti ftunnellati

Ġabra ta' dejta F2: Traffiku tal-bastimenti fil-portijiet Ewropej ewlenin skont il-port, it-tip u d-daqs tal-bastiment li jgħabbi jew iħott il-merkanzija, li jtella' jew iniżżel passiġġieri (inklużi passiġġieri tal-kruċiera f'eskursjoni għall-passiġġieri tal-kruċiera)

Frekwenza tat-trażmissjoni tad-dejta: annwali

	Fatturi varjabbli	Dettall tal-kodifika	Nomenklatura
Qisien	Ġabra ta' dejta	Żewġ karattri alfanumeriċi	F2
	Sena ta' referenza	Erba' karattri alfanumeriċi	(eż. 1997)
	Tliet xhur ta' referenza	Karattru wieħed alfanumeriku	(1, 2, 3, 4)
	Il-port tar-rappurtaġġ	Ħames karattri alfanumeriċi	Portijiet taż-ŻEE magħżula mil-lista ta' portijiet
	Direzzjoni	Karattru wieħed alfanumeriku	'il ġewwa (1) biss
	Tip ta' bastiment:	Żewġ karattri alfanumeriċi	Tip ta' bastiment, l-Anness VI
	Daqs tal-bastiment GT	Żewġ karattri alfanumeriċi	Klassijiet tad-daqs tat-tunnellaġġ gross, l-Anness VII

Dejta: Numru ta' bastimenti.

Tunnellaġġ gross tal-bastimenti."